

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' Lulju 2008 — Ashoka vs UASI (DREAM IT, DO IT!)**

(Kawża T-186/07) <sup>(1)</sup>

*(Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali DREAM IT, DO IT! — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94)*

(2008/C 209/89)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ashoka (Arlington, Virginia, L-Istati Uniti) (rappreżentanti: A. Link u A. Jaeger-Lenz, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tal-15 ta' Marzu 2007 (Każ R 635/2006-1) dwar ir-reġistrazzjoni tas-sinjtal verbali DREAM IT, DO IT! bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ashoka hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 170, 21.7.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-1 ta' Lulju 2008 — AWWW vs Eurofound**

(Kawża T-211/07) <sup>(1)</sup>

*(Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura Komunitarja għal sejħa għal offerti — Ċaħda ta' offerta — Kriterji għal selezzjoni — Kriterji għal attribuzzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni)*

(2008/C 209/90)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: AWWW GmbH ArbeitsWelt-Working World (Göttingen, Il-Ġermanja) (rappreżentanti: B. Schreier, V. Wellens, avukati, u G. Dennis, solicitor)

Konvenuta: Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol (Eurofound) (rappreżentant: C. Callanan, solicitor)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' l-Eurofound tas-17 ta' April 2007, li tiċħad l-offerta mressqa mir-rikorrenti fil-kuntest ta' proċedura Komunitarja għal sejħa għal offerti li tirrigwarda l-provvista ta' servizzi ta' informazzjoni u ta' analiżi relatati mal-kwalità tax-xogħol u l-impjieg, mar-relazzjonijiet industrijali u mar-ristrutturar fuq il-livell Ewropew.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) AWWW GmbH ArbeitsWelt-Working Worldhija hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 183, 4.8.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-4 ta' Lulju 2008 — Entrance Services vs Il-Parlament**

(Kawża T-333/07) <sup>(1)</sup>

*(Kuntratti pubbliċi ta' servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti Komunitarja — Tiswija u manutenzjoni ta' apparati awtomatiċi, xogħol ta' l-injam u apparat simili fil-bini tal-Parlament Ewropew fi Brussell — Ċaħda ta' offerta — Żball serju fil-qasam professjonali — Artikolu 93 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002)*

(2008/C 209/91)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Entrance Services (Vilvorde, Il-Belġju) (rappreżentanti: A. Delvaux u V. Bertrand, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: M. Ecker u P. López-Carceller, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Parlament li tiċħad l-offerta magħmula mir-rikorrenti u li tagħti l-kuntratt lil offerent ieħor, fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti għat-tiswija u l-manutenzjoni ta' apparati awtomatiċi, xogħol ta' l-injam u apparat simili fil-bini tal-Parlament Ewropew fi Brussell.

**Dispożittiv**

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tiċħad l-offerta magħmula minn Entrance Services u li tagħti l-kuntratt lil offerent ieħor, fil-kuntest tal-proċedura ta' seġha għal offerti għat-tiswija u l-manutenzjoni ta' apparati awtomatiċi, xogħol ta' l-injam u apparat simili fil-bini tal-Parlament Ewropew fi Brussell, hija annullata.*
- 2) *Il-Parlament huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 269, 10.11.2007.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Lulju 2008 — Fondazione Opera S. Maria della Carità et vs Il-Kummissjoni**

(Kawżi magħquda T-234/00 R, T-235/00 R u T-283/00 R)

(Miżuri provviżorji — Talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni — Ammissibilità)

(2008/C 209/92)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fondazione Opera S. Maria della Carità (Venezja, l-Italja); Codess Sociale Cooperativa sociale Soc. Coop. rl et (Venezja, l-Italja) (rappreżentanti: F.G. Gaiulli u I. Gianniotti, avvocati); u Metropolitan Srl e Comitato Venezia Vuole Vivere (Venezja, l-Italja) (rappreżentanti: A. Bianchini, avvocato)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Righini u V. Di Bucci, aġenti)

**Suġġett**

Talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2000/394/KE, tal-25 ta' Novembru 1999, dwar miżuri ta' għajjnuna favur intrapriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezja u Chioggia stipulati bil-liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995, li jstabbilixxu tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (ĠU L 150, p. 50).

**Dispożittiv**

- 1) *Il-kawżi T-234/00 R, T-235/00 R u T-283/00 R, filwaqt li jibqgħu magħquda bejniethom, huma separati minn kawżi oħra*

*msemmija fid-digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' Lulju 2008.*

- 2) *It-talbiet għal miżuri provviżorji huma miċħuda.*
- 3) *L-ispejjeż jibqgħu riżervati.*

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-20 ta' Ġunju 2008 — Leclercq vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-299/06) (<sup>1</sup>)

(Rikors għal annullament — Nuqqas ta' azzjoni min-naħa tar-rikorrenti — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni)

(2008/C 209/93)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sylvie Leclercq (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizzjalment S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Joris u P. Costa de Oliveira, aġenti)

*Intervenjenti in sostenn tar-rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentant: J. Heliskoski, aġent)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2004, li tirrifjuta, skond ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, p. 43), li tagħti lir-rikorrenti aċċess għal ċerti dokumenti.

**Dispożittiv**

- 1) *M'għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.*
- 2) *Sylvie Leclercq hija kkundannata tbatl l-ispejjeż tagħha u dawk tal-Kummissjoni. Ir-Repubblika tal-Finlandja għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 326, 3.12.2006.